

Brussell, 11 ta' Novembru 2020
(OR. en)

12756/20

COMPET 546
IND 204
MI 457

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Delegazzjonijiet
Nru. dok. preċ.: 12539/20	
Suġġett:	Abbozz ta' konklużjonijiet tal-Kunsill dwar "Irkupru li javvanza t-tranżizzjoni lejn industrija Ewropea aktar dinamika, reżiljenti u kompetittiva"

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż l-abbozz ta' konklużjonijiet tal-Kunsill dwar "Irkupru li javvanza t-tranżizzjoni lejn industrija Ewropea aktar dinamika, reżiljenti u kompetittiva", li jirrifletti l-eżitu tad-diskussjonijiet tal-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti fil-laqgħa tiegħu tal-11 ta' Novembru 2020.

ABBOZZ TA' KONKLUŻJONIJIET TAL-KUNSILL DWAR

**"Irkupru li javvanza t-tranżizzjoni lejn industrija Ewropea aktar dinamika,
reżiljenti u kompetittiva"**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

FILWAQT LI JFAKKAR fid-Dikjarazzjoni kongunta¹ tal-Ministri f'Ġunju 2020, il-Konklużjonijiet tal-Kunsill ta' Novembru 2018² u ta' Mejju 2019³ u l-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-Ekonomija Ċirkolari tal-4 ta' Ottubru 2019, kif ukoll il-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew ta' Marzu 2019⁴ u ta' Ottubru 2020⁵, li enfasizzaw ir-rwol importanti tal-industrija fil-proċessi ta' trasformazzjoni ġusti, ekoloġiċi u diġitali, u l-importanza kruċjali tagħha għall-prosperità u l-kompetittività tal-Ewropa; u

FILWAQT LI JFAKKAR fil-Komunikazzjonijiet tal-Kummissjoni dwar:

- "Il-Patt Ekoloġiku Ewropew"; "il-Pjan dwar il-mira klimatika għall-2030"; il-"Pjan ta' Azzjoni ġdid dwar l-Ekonomija Ċirkolari"; l-"Istrateġija tal-UE għall-Bijodiversità "; l-Istrateġija aġġornata dwar il-Bijoekonomija; l-"istrateġija għall-idroġenu"; l-"Istrateġija tal-UE dwar l-Integrazzjoni tas-Sistema tal-Enerġija"⁶
- "L-Istrateġija Diġitali Ewropea"; l-"Istrateġija Ewropea għad-data"; il-"White Paper dwar l-Intelliġenza Artifiċjali";⁷

¹ Stqarrija għall-istampa 385/20

² 14832/18

³ 9743/19

⁴ EUCO 1/19

⁵ EUCO 13/20

⁶ 15051/19, 10865/20, 6766/20, 8219/20, 13229/18, 9390/20 u 9389/20

⁷ 6237/20, 6250/20 u 6266/20

- l-"Istrateġija Industrijali Ġdida għall-Ewropa"; "Strateġija għall-SMEs"; "Identifikazzjoni u indirizzar tal-ostakli għas-Suq Uniku"; il-"Pjan ta' azzjoni fit-tul għal implimentazzjoni u infurzar aħjar tar-regoli tas-suq uniku"; il-"White Paper dwar il-kisba ta' kundizzjonijiet ekwi fir-rigward tas-sussidji barranin"; "Ir-Reżiljenza tal-Materja Prima Kritika"; l-"Aġenda Ewropea għall-Filiet", "ŻER ġdida għar-Riċerka u l-Innovazzjoni" u r-Rapport tal-Prospettiva Strateġika tal-2020;⁸ u dwar
- "Il-mument tal-Ewropa: Tiswija u Thejġija għall-Ġenerazzjoni li Jmiss" u l-Istrateġija Annwali għat-Tkabbir Sostenibbli tal-2021 flimkien mal-Gwida annessa tagħha għall-Istati Membri dwar il-Pjanijiet għall-Irkupru u r-Reżiljenza inkluż l-abbozz ta' mudell⁹;

Flimkien għall-irkupru tal-Ewropa

1. JIRRIKONOXXI s-sitwazzjoni bla preċedent tal-pandemija globali tal-COVID-19 li għandha effetti konsegwenzjali fuq il-ħajja u l-ġhajxien ġewwa l-kontinent Ewropew u madwar id-dinja; JAGĦRAF li parti mill-industrija Ewropea, partikolarment l-SMEs, l-imprendituri u l-ħaddiema tagħha, qed jiffaċċaw diffikultajiet ekonomiċi, inċertezza u sfidi biex isostnu n-negozji tagħhom; JENFASIZZA li tenħtieġ is-solidarjetà Ewropea biex jinkiseb b'mod konġunt rkupru ekonomiku rapidu, sostenibbli u inklussiv u ġejjieni sostenibbli fit-tul, speċjalment fi ħdan l-industriji l-aktar milquta mill-pandemija tal-COVID-19, bħat-turiżmu;

⁸ 6782/20, 6783/20, 6779/20, 6778/20, 8980/20, 10435/20, 8136/20, 11400/20 u 10648/20

⁹ 8136/20, 10887/20, 10889/20 u 10889/20 ADD1

2. JISSOTTOLINJA li din l-isfida hija wkoll opportunità biex l-isforzi ta' rkupru jintużaw sabiex l-industrija Ewropea, u b'mod partikolari l-SMEs inkluż il-mikrointrapriżi, isiru aktar kompetittivi u reżiljenti, u b'hekk jingħata kontribut għall-kompetittività fit-tul tal-UE bl-appoġġ għat-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali, f'konformità mal-Ftehim ta' Pariġi¹⁰ u l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tal-Aġenda 2030; JENFASIZZA li jenħteġ li din it-tranżizzjoni u l-irkupru ekonomiku tal-UE jkunu wkoll ġusti u mibnija fuq il-prinċipji tal-kompetittività, l-integrazzjoni tas-Suq Uniku, is-sostenibbiltà, il-koeżjoni, l-inklużività, iċ-ċirkolarità, il-ħarsien ambjentali, is-solidarjetà u josservaw l-istandards soċjali; JISSOTTOLINJA l-importanza tal-koerenza u l-koordinazzjoni politika b'approċċ b'diversi livelli li jkopri l-livell tal-UE, il-livell nazzjonali u l-livell reġjonali u jirrispetta s-sussidjarjetà fl-oqsma kollha ta' politika rilevanti biex l-industrija tiġi appoġġata u titqawwa bl-aħjar mod possibbli;
3. JENFASIZZA li l-kisba ta' awtonomija strateġika filwaqt li tiġi ppreservata ekonomija miftuħa hija objettiv ewlieni tal-Unjoni¹¹ sabiex tiddetermina hija stess it-triq u l-interessi ekonomiċi tagħha; IFAKKAR li dan jinkludi l-identifikazzjoni u t-tnaqqis tad-dipendenzi strateġiċi u t-tisħiħ tar-reżiljenza fl-ekosistemi industrijali l-aktar sensittivi u f'oqsma speċifiċi, bħas-saħħa, l-industrija tad-difiża, l-ispazju, il-qasam diġitali, l-enerġija u l-materja prima kritika; JISSOTTOLINJA li dan jista' jinkludi d-diversifikazzjoni tal-ktajjen tal-produzzjoni u dawk tal-provvista, l-iżgurar tal-ħżin strateġiku, it-trawwim u l-attrazzjoni ta' investimenti u ta' produzzjoni fl-Ewropa, l-esplorazzjoni ta' soluzzjonijiet alternattivi u mudelli ċirkolari, u l-promozzjoni ta' kooperazzjoni industrijali wiesgħa fl-Istati Membri kollha;
4. JENFASIZZA li l-UE għandha taħdem favur politika industrijali Ewropea ambizzjuża u assertiva biex jinholq ambjent tan-negozju sostenibbli, attraenti u kompetittiv; JEMMEN bis-ših li r-rispons għall-effetti ekonomiċi tal-kriżi tal-COVID-19 u għall-kompetizzjoni internazzjonali dejjem akbar irid ikun wieħed ta' kooperazzjoni u integrazzjoni Ewropej rinforzati u aktar b'saħħithom f'Suq Uniku msaħħaħ; JENFASIZZA li dan jista' jkun forza li tixpruna biex jinkiseb livell oġġla ta' "valur miżjud Ewropew", ta' effiċjenza fir-risorsi u ta' ċirkolarità u biex jiġi sfruttat il-potenzjal għoli tal-effetti konsegwenzjali ta' kooperazzjoni msaħħa f'networks ta' negozji interkonnessi fl-UE kollha;

¹⁰ 12256/16

¹¹ EUCO 13/20

5. JISSOTTOLINJA li t-tmexxija teknoloġika - ibbażata fuq ir-riċerka, it-trasferiment tal-
għarfien u l-innovazzjoni -, is-speċjalizzazzjoni intelliġenti, is-sostenibbiltà, il-ktajjen tal-
valur Ewropej imsaħħa u s-sigurtà tal-provvista ta' materja prima fl-Ewropa huma
prerekwiżiti għal livell imsaħħa ta' reżiljenza tal-industrija Ewropea u jikkontribwixxu l-koll
għat-tisħiħ tal-ekonomija miftuħa tal-Unjoni, l-awtonomija strateġika tagħha u l-
kompetittività futura;
6. JILQA' B'SODISFAZZJON KBIR il-"Patt Ekoloġiku Ewropew", l-"Istrateġija Diġitali
Ewropea" u l-"Istrateġija Industrijali Ġdida" bħala orjentazzjonijiet ta' politika ewlenin għad-
deċennji li ġejjin; JENFASIZZA li dan joffri l-prospett għal bidla strutturali fit-tul li ser twitti
t-triq biex l-industrija tal-Ewropa tkun aktar sostenibbli, aktar kompetittiva fuq il-livell globali
u aktar reżiljenti; JISSOTTOLINJA l-importanza li l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza u
pilastri oħra tan-"Next Generation EU" u l-Qafas Finanzjarju Pluriennali l-ġdid isaħħu l-
irkupru ekonomiku u soċjali mill-pandemija tal-COVID-19 billi l-investimenti ta'
dimensjonijiet eċċezzjonali għal perijodu qasir u għal perijodu intermedjarju jiġu kkombinati
ma' riformi neċessarji;
7. JILQA' l-fokus tal-ekosistemi industrijali fuq l-"Istrateġija Industrijali Ġdida", li hija
importanti biex tiġi ffaċilitata aktar kooperazzjoni industrijali u teknoloġika fl-Istati Membri u
r-reġjuni kollha peress li l-istruttura wiesgħa tagħhom tippermetti approċċ transsettorjali aktar
olistiku lejn il-ktajjen tal-valur; JENFASIZZA li dan jeħtieġ koordinazzjoni effettiva,
effiċjenti u inklużiva biex jiġu ġġenerati dawk is-sinerġiji transsettorjali u jitħeġġu azzjonijiet
kollaborattivi konġunti mal-industrija u għaliha, b'mod partikolari fl-implimentazzjoni tal-
pjanijiet nazzjonali għall-irkupru u r-reżiljenza kif ukoll ma' strateġiji ta' speċjalizzazzjoni
intelliġenti, missjonijiet u sħubiji ta' Orizzont Ewropa u pjanijiet direzzjonali tat-teknoloġija
industrijali fi ħdan iż-Żona Ewropea tar-Riċerka u inizjattivi ta' raggruppamenti konġunti taħt
il-Programm għas-Suq Uniku u programmi oħra għat-trawwim tal-kooperazzjoni fl-
ekosistemi industrijali kollha, u kuntatt effettiv mal-SMEs u l-allokazzjoni ta' finanzjament
għalihom;

8. JISSOTTOLINJA l-ħtieġa għal rapidità u aġilità fl-implimentazzjoni tal-Istrateġija Industrijali Ġdida, tal-Faċilità li ġejja għall-Irkupru u r-Reżiljenza u tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali li jmiss; JENFASIZZA f'dan ir-rigward l-importanza li jiġi ffaċilitat l-aċċess tal-intrapriżi kollha, speċjalment tal-SMEs, għas-swieq, għall-ktajjen tal-valur, għas-sħubijiet strateġiċi, għall-għarfien, għat-teknoloġiji avvanzati u nodfa, għall-innovazzjoni, għall-finanzjament u għall-proġetti komuni;

Suċċess permezz ta' kundizzjonijiet ta' qafas favorevoli

9. JISSOTTOLINJA l-importanza kbira li jiġu stabbiliti l-kundizzjonijiet ta' qafas it-tajba għan-negozju u l-ħtieġa għal regoli ċari, konsistenti u adatti għall-iskop tagħhom fil-livelli kollha;
10. JENFASIZZA l-importanza ta' Suq Uniku li jiffunzjona għalkollox, approfondit u msaħħaħ, inkluż fis-settur tas-servizzi, bħal wieħed mill-faċilitaturi u prerekwiżiti ewlenin għas-suċċess tal-industrija Ewropea, li jiffaċilita attività ekonomika pan-Ewropea, li jipprevjeni u jneħħi piż regolatorju mhux neċessarju u li jappoġġa d-diġitalizzazzjoni – kif stipulat fil-konklużjonijiet tiegħu dwar "Suq Uniku approfondit għal irkupru qawwi u Ewropa kompetittiva u sostenibbli" ta' Settembru 2020¹²; JISSOTTOLINJA li huwa importanti li l-oġġetti u s-servizzi kollha li jitqegħdu għad-dispożizzjoni fis-Suq Uniku jkunu konformi mar-regoli u l-istandards Ewropej biex jiġu żgurati l-kompetittività u l-kompetizzjoni ġusta tal-UE u biex tittejjeb il-fiduċja tal-konsumaturi Ewropej;
11. JENFASIZZA l-importanza ta' sistema ta' standardizzazzjoni Ewropea li tiffunzjona tajjeb bħala bażi biex jiġu appoġġati l-oġġettivi tat-tmexxija teknoloġika Ewropea, speċjalment fir-rigward tat-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali; JISSOTTOLINJA li standards armonizzati huma katalist għall-kompetittività, l-innovazzjoni u s-sikurezza tal-konsumatur, li għandhom iqisu d-dimensjoni internazzjonali, u li wrew li huma siewja ħafna matul il-kriżi tal-COVID-19, pereżempju għat-tagħmir mediku;

¹² 10698/20

12. JENFASIZZA l-importanza li jiġu ssalvagwardjati kondizzjonijiet ekwivalenti u effettivi ta' kompetizzjoni għan-negozji Ewropej biex jikkompetu fis-suq intern u fil-livell internazzjonali fil-ktajjen tal-valur globali; JISSOTTOLINJA l-importanza li jiġi diskuss is-segwitu għall-White Paper dwar is-sussidji barranin u li jiġi aġġornat il-qafas ta' kompetizzjoni, inkluż il-linji gwida tiegħu dwar l-għajnuna mill-istat, biex jiġi żgurat, fost l-oħrajn, li dan jissodisfa l-isfidi ta' tranżizzjoni ekoloġika u diġitali u tal-kuntest globali li qed jevolvi; JENFASIZZA l-ħtieġa li jiġi pprovdut qafas regolatorju li huwa avanzat, ċar, proporzjonat u adatt għall-iskop tiegħu; JISTENNA B'INTERESS l-eżitu tar-rieżami attwali tar-regoli tal-kompetizzjoni li qed twettaq il-Kummissjoni;
13. JENFASIZZA l-importanza ta' politika kummerċjali ambizzjuża, ibbażata fuq ir-regoli, miftuħa, ġusta u sostenibbli, u l-infurzar effettiv tagħha; JENFASIZZA l-ħtieġa għal aċċess reċiproku għas-swieq tal-akkwist pubbliku f'pajjiżi terzi; JISSOTTOLINJA l-importanza ta' approċċ għal ipprezzar affordabbli tal-enerġija u Sistema għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet f'konformità mal-ambizzjoni klimatika tal-UE, filwaqt li tiġi pprevenuta rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju u jiġu żviluppati strumenti effettivi u komplementari, bħal mekkaniżmu infurzabbli ta' aġġustament tal-karbonju fil-fruntiera, li huma konformi mad-WTO; JILQA' t-tħabbira tal-Kummissjoni ta' valutazzjoni tal-impatt u JISTENNA B'INTERESS analiżi settorjali li tqis aspetti ta' kompetittività u ta' kompetizzjoni u l-impatt fil-livell tal-Istati Membri;
14. JINDIKA n-neċessità li jiġu stabbiliti infrastruttura tad-data u networks ta' komunikazzjoni fuq quddiem fil-livell dinji, sikuri, reżiljenti u interoperabbli li jinkorporaw standards Ewropej fil-qasam tas-sikurezza, tas-sigurtà u tal-protezzjoni tad-data, u li ma jkunux soġġetti għal-liġijiet ta' ġuriżdizzjonijiet barranin sakemm ma jkunux fis-seħħ salvagwardji verifikati biex tiġi żgurata konformità mad-dritt Ewropew fir-rigward ta' talbiet għal aċċess għal data; JILQA' l-ħolqien propost ta' spazji Ewropej komuni tad-data f'setturi strateġiċi u ta' dominji ta' interess pubbliku kif ippreżentati fl-istrateġija Ewropea għad-data; JENFASIZZA li regoli u standards ċari għall-organizzazzjoni tal-iskambju ta' data industrijali fuq bażi volontarja huma kruċjali; JISSOTTOLINJA l-possibiltajiet ta' applikazzjonijiet industrijali ta' teknoloġiji bħall-5G, il-computing ta' prestazzjoni għolja, il-katina ta' blokk, l-industrija 4.0, it-teknoloġiji tal-ispazju, it-telerilevament, l-iskambju ta' data u l-intelliġenza artifiċjali; filwaqt li JAGĦRAF r-rwol kruċjali tat-teknoloġiji diġitali bħala sors ta' soluzzjonijiet nodfa u sostenibbli biex titnaqqas l-impronta ambjentali globali u dik tagħhom stess;

15. JISSOTTOLINJA l-importanza tat-titjib tal-ħiliet u tat-taħriġ mill-ġdid tal-ħaddiema kif ukoll it-taħriġ u l-impjegabbiltà tagħhom bħala fundamentali għal industrija Ewropea ta' suċċess u biex tkun possibbli tranżizzjoni ġusta; IĦEĠĠEĠ investimenti ulterjuri f'dan ir-rigward sabiex l-industrija tibqa' kompetittiva, u għaldaqstant JILQA' l-Aġenda għall-Ħiliet għall-Ewropa¹³ u t-tħabbira tagħha ta' Patt għall-Ħiliet f'ekosistemi industrijali strateġiċi;
16. JENFASIZZA l-ħtieġa li jittejbu s-sigurtà tal-provvista u l-aċċess għal materja prima primarja u għal suq uniku għal materja prima sekondarja, b'mod partikolari materja prima kritika, filwaqt li jiġu osservati l-istandards komuni, inkluż permezz tal-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni għall-Materja Prima Kritika; JISSOTTOLINJA li dan irid imur id f'id mal-istabbiliment ta' standards ċari tal-UE f'konformità mal-valuri tagħna, inkluż permezz ta' diliġenza dovuta tal-ktajjen tal-provvista għal industriji estrattivi, it-tiftix ta' alternattivi innovattivi għal dipendenzi kritiċi u investimenti adatti fl-effiċjenza fir-riżorsi, inkluż l-estrazzjoni effiċjenti u sostenibbli, it-trasformazzjoni u l-promozzjoni ta' teknoloġiji u soluzzjonijiet għall-Ekonomija Ċirkolari bħala mezz biex il-kompetittività industrijali u r-reżiljenza tal-industrija Ewropea jingħataw spinta;

Investimenti għall-irkupru, investimenti għall-ġejjieni

17. JENFASIZZA li l-investimenti privati u pubbliċi jridu jirriflettu l-iskala tal-kriżi ekonomika attwali minħabba l-COVID-19 u jridu jitwettqu f'waqthom sabiex l-industrija Ewropea titqawwa biex tkun mutur ewlieni għall-irkupru ekonomiku, il-prosperità, it-tkabbir sostenibbli u l-ħolqien tal-impjiegi; JAGĦRAF li l-fondi tal-UE għandhom jiġu allokat f'konformità mar-regolament li jmiss li jistabbilixxi l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza u JILQA' d-deċiżjoni tal-Kunsill li jiddedika ishma sinifikanti għall-oġettivi tal-Patt Ekoloġiku Ewropew u tat-trasformazzjoni diġitali; JENFASIZZA l-ħtieġa li jissaħħu aktar is-sinerġiji bejn il-fondi tal-UE u daww nazzjonali fir-rigward tal-proġetti teknoloġiċi kruċjali; JENFASIZZA li l-ispeċifitajiet nazzjonali u l-pajsaġġi industrijali u l-proporzjonalità jridu jitqiesu bis-siħ u trid tiġi evitata l-applikazzjoni ta' approċċ "wieħed tajjeb għal kulħadd";

¹³ 9349/20

18. JIDDIKJARA MILL-ĠDID li l-politika industrijali Ewropea għandha l-kompitu fuq it-terminu t-twil li tinċentiva qabelxejn l-investimenti privati u l-investimenti addizzjonali tas-settur pubbliku fl-industrija u li trawwem il-kooperazzjoni tal-industrija u tar-riċerka sabiex tgħin lill-industrija taħta l-opportunitajiet mit-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali u żżid il-produttività; JENFASIZZA li l-ħtiġijiet tal-investimenti għandhom jiġu indirizzati b'mod adatt sabiex l-UE tkun tista' ssir aktar reżiljenti, kompetittiva, diġitali u sostenibbli u tilħaq il-miri tal-2030 u l-2050 lejn in-newtralità klimatika; JENFASIZZA b'mod partikolari l-importanza li titħejja l-kompetittività futura tal-Unjoni u b'hekk ir-reżiljenza tagħha billi jsir investiment fl-ekosistemi industrijali, il-ktajjen tal-valur, il-materja prima u t-teknoloġiji li huma kruċjali għat-tranżizzjonijiet li ġejjin u li jikkontribwixxu għall-oġettiv tal-Unjoni ta' awtonomija strateġika filwaqt li tiġi ppreservata ekonomija miftuħa;

Tisħiħ tal-kompetittività u t-tkabbir sostenibbli permezz ta' tmexxija teknoloġika

19. JENFASIZZA l-importanza tal-ktajjen tal-valur strateġiċi u ta' teknoloġiji abilitanti essenzjali għall-industrija Ewropea, u li jiġi ggarantit il-funzjonament tagħhom anki fi żminijiet ta' kriżi; JIRRIKONOXXI l-importanza li tiġi aċċelerata d-diffużjoni tat-teknoloġija, speċjalment fl-SMEs, u li jiġu ssalvagwardjati d-drittijiet Ewropej tal-proprjetà intellettuali;
20. JIRRIKONOXXI l-ħidma li saret mill-Forum Strateġiku għal Proġetti Importanti ta' Interess Ewropew Komuni (IPCEIs) fl-identifikazzjoni ta' ktajjen tal-valur strateġiċi li għandhom jiġu segwiti bħala oqsma potenzjali għal kooperazzjoni pan-Ewropea; JISTENNA B'INTERESS il-varar tal-Forum Industrijali l-ġdid kif previst fl-"Istrateġija Industrijali Ġdida";
21. JAPPOĠĠA l-alleanzi industrijali fil-qasam tal-batteriji, tal-idroġenu nadif, tal-materja prima u tal-plastiks ċirkolari; JINKORAĠĠIXXI l-formazzjoni ta' aktar alleanzi tal-industrija, peress li dawn jistgħu jkunu għodda effettiva biex jiġu identifikati l-ħtiġijiet tat-teknoloġija, il-possibiltajiet fil-qasam tal-innovazzjoni u dak tal-investiment, kif ukoll ostakli regolatorji, u biex tingħata spinta lil proġetti fuq skala kbira b'effetti konsegwenzjali pożittivi fl-Ewropa kollha; u JISTENNA B'INTERESS il-varar ta' alleanzi ġodda li jistgħu jaċċelleraw it-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali, bħal fl-industriji b'livell baxx ta' emissjonijiet ta' karbonju, fl-enerġija rinnovabbli, fid-Data u l-Cloud Industrijali u f'networks tat-telekomunikazzjoni sikuri u fil-mikroelettronika;

22. IFAKKAR li l-IPCEIs huma wieħed mill-għodda rilevanti biex jiġu indirizzati n-nuqqasijiet tas-suq u biex jiġu appoġġati t-teknoloġiji ewlenin rilevanti u l-ktajjen tal-valur strateġiċi; JAGĦRAF il-progress u l-impatt pożittiv tal-IPCEIs s'issa, bħal fuq il-mikroelettronika u l-batteriji; JAGĦRAF il-kontribut potenzjali u l-effetti konsegwenzjali pożittivi li l-IPCEIs jistgħu jwasslu għat-tkabbir sostenibbli u l-kompetittività tal-ekonomija Ewropea, speċjalment biex isir progress fit-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali kif ukoll biex tissaħħaħ it-tmexxija teknoloġika u r-reżiljenza; IFAKKAR li l-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew stiednu lill-Kummissjoni tgħin fl-iżvilupp ta' IPCEIs ġodda u JĦEĠĠEĠ li titkompla l-ħidma fuq il-kooperazzjoni mibdija bejn l-Istati Membri u x-xogħol tal-Forum Strateġiku preċedenti; JENFASIZZA li l-IPCEIs jistgħu jikkontribwixxu biex jippermettu innovazzjoni rivoluzzjonarja u biex jindirizzaw dipendenzi ta' industriji Ewropej kruċjali, bħal fil-qasam tal-mikroelettronika u tal-idroġenu nadif; JISTENNA B'INTERESS ir-reviżjoni tal-Komunikazzjoni dwar l-IPCEI;
23. JENFASIZZA l-importanza li l-proċessi ta' stabbiliment u ta' implimentazzjoni tal-IPCEIs u ta' alleanzi industrijali jkunu effiċjenti, trasparenti, ġusti u inklużivi għall-Istati Membri kollha u għat-tipi kollha ta' partijiet ikkonċernati, inkluż l-SMEs; JAPPOĠĠA l-għoti trasparenti ta' informazzjoni rilevanti dwar l-IPCEIs u l-alleanzi industrijali attwali u futuri kif magħmula, pereżempju, mal-Alleanza Ewropea għall-Idroġenu Nadif;

Industriji intensivi fl-enerġija - l-imgħoddi, il-preżent u l-ġejjieni tal-Ewropa - #cleanindustry

24. JENFASIZZA r-rwol kruċjali tal-industriji intensivi fl-enerġija biex jinkisbu l-miri tal-2030 u l-2050 lejn in-newtralità klimatika; JENFASIZZA l-ħtieġa li tissaħħaħ r-reżiljenza tal-katina tal-provvista ta' dawn l-industriji fl-Ewropa; JISSOTTOLINJA l-importanza ta' aċċess strateġiku u diversifikat għall-materja prima, ta' titjib ulterjuri tal-effiċjenza fir-riżorsi, u tal-iżgurar tas-sigurtà tal-provvista tar-riżorsi tal-enerġija; JAGĦRAF l-importanza ta' tranżizzjoni ġusta tal-enerġija għall-irkupru ekonomiku;

25. JENFASIZZA l-ħtieġa għal azzjonijiet komprensivi li jakkumpanjaw u li jappoġġaw il-proċess ta' trasformazzjoni li ser isaħħaħ il-kompetittività u jbidel l-industrija Ewropej intensivi fl-enerġija f'mexxejja dinjija ta' teknoloġiji nodfa u b'livell baxx ta' emissjonijiet ta' karbonju li joperaw fis-suq globali, filwaqt li jiżguraw kondizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni fil-qasam tal-ħarsien ambjentali għoli, il-protezzjoni tal-impjiegi, l-istandards soċjali, il-protezzjoni tad-drittijiet tal-proprjetà intellettuali, l-aċċess reċiproku għas-swieq tal-akkwist pubbliku f'pajjiżi terzi, is-sikurezza ta' oġġetti, u l-kompetizzjoni u l-prevenzjoni tar-rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju; f'dan ir-rigward JILQA' l-pjan prinċipali għal trasformazzjoni kompetittiva tal-industrija tal-UE intensivi fl-enerġija li jippermetti t-tweqqi ta' ekonomija newtrali għall-klima u ċirkolari sal-2050; JIRRIKONOXXI l-kontribut tal-fondi tal-UE fl-appoġġ tal-proċess ta' trasformazzjoni u JILQA' f'dan il-kuntest l-istrateġija għall-idroġenu għal Ewropa newtrali għall-klima;

Azzjoni konġunta għal tranżizzjoni rapida u rkupru tal-industrija Ewropea

26. JAPPELLA lill-Istati Membri biex isiru forza li tixpruna tranżizzjoni u rkupru rapidi billi jinvestu flimkien u jisfruttaw bis-sħiħ il-potenzjal ta' impenn fil-kooperazzjoni Ewropea tul il-ktajjen tal-valur strateġiċi u t-teknoloġiji kruċjali innovattivi, irrISPETTIVAMENT minn jekk dan isirx permezz ta' IPCEIs, alleanzi industrijali, sħubijiet Ewropej, kollaborazzjoni bejn ir-raggruppamenti jew investimenti interreġjonali fl-innovazzjoni, inkluż permezz ta' kunsiderazzjoni adegwata u integrazzjoni attiva tal-ispeċifikitajiet ta' SMEs u negozji ġodda, u permezz ta' spinta għall-innovattività tagħhom;
27. JITLOB lill-Kummissjoni tiffaċilita aġġornamenti regolari għall-Kunsill dwar il-progress tal-alleanzi u tal-IPCEIs; u JISTIEDEN lill-Kummissjoni tidentifika dipendenzi strateġiċi u tipproponi miżuri biex jitnaqqsu, kif mitlub fil-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew;

28. JAPPELLA lill-Kummissjoni biex tinvolvi ruħha f'dialogu kostruttiv u f'koordinazzjoni mal-partijiet ikkonċernati rilevanti kollha biex tiżgura li standards armonizzati jappoġġaw l-funzjonament sħiħ tas-Suq Uniku u l-avvanz lejn il-miri tal-politika tal-UE, b'mod partikolari foqasma li jeħtieġu teknoloġiji innovattivi u oqsma ta' importanza strateġika;
29. JISSOTTOLINJA rigward il-ħidma tal-Forum Industrijali li ma tiġix biss inkluża l-analiżi tal-ekosistemi industrijali u tal-ktajjen tal-valur iżda wkoll li inizjattivi eżistenti jiġu rieżaminati, żviluppati aktar, aċċellerati u kkoordinati b'mod konġunt abbażi tat-tagħlimiet meħuda u l-aħjar prattiki tal-ħidma tal-Forum Strateġiku għall-IPCEIs; JILQA' li l-istruttura u l-ħidma tal-Forum Industrijali huma inklużivi għall-Istati Membri kollha u għall-partijiet ikkonċernati kollha, inkluż l-SMEs; JITLOB lill-Kummissjoni Ewropeja tirrapporta dwar il-progress tagħha lill-Kunsill Kompetittività;
30. TILQA' l-intenzjoni tal-Kummissjoni li tagħorna l-Istrateġija Industrijali Ġdida; JENFASIZZA l-importanza tal-implimentazzjoni tal-istrateġija industrijali eżistenti u tal-preżentazzjoni rapida tal-aġġornament fid-dawl tax-xenarju kompetittiv globali li qed jinbidel u tat-tħejjija attwali min-naħa tal-Istati Membri ta' pjanijiet għall-irkupru u r-reżiljenza, u JAPPELLA lill-Kummissjoni biex tipprijoritizza u taċċellera inizjattivi li jagħtu spinta lill-ekonomija ekoloġika u ċirkolari, lit-trasformazzjoni diġitali u lid-diversifikazzjoni tal-ktajjen tal-valur u tal-provvista Ewropej; JISSOTTOLINJA li l-istrateġija industrijali aġġornata għandha tiffoka wkoll fuq l-irkupru mill-kriżi tal-COVID-19 u fuq it-tisħiħ tar-reżiljenza, il-kompetittività globali u l-awtonomija strateġika f'ekonomija miftuħa u għandha ssostni r-rabta bejn l-ekosistemi industrijali u l-Aġenda u l-Patt għall-Ħiliet; JENFASIZZA li l-Kummissjoni, l-Istati Membri, ir-reġjuni u l-partijiet ikkonċernati rilevanti, inkluż l-SMEs, jeħtieġu azzjonijiet konġunti personalizzati; u għaldaqstant JITLOB lill-Kummissjoni tippreżenta l-aġġornament tal-Istrateġija Industrijali Ġdida qabel il-Kunsill Ewropew f'Marzu 2021, inkluż inizjattivi u proposti konkreti;

31. JAPPELLA lill-Kummissjoni biex tiddefinixxi indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni għall-monitoraġġ tal-istrateġija industrijali u l-kompetittività sa tmiem Marzu 2021, abbażi pereżempju ta' indikaturi eżistenti tal-"Qafas ta' Indikaturi rigward il-Kompetittività Industrijali"¹⁴, inkluż b'kont meħud tax-xejriet ta' investiment, u l-paragun tagħhom ma' daww ta' reġjuni oħra tad-dinja; JITLOB rapportar regolari dwar l-indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni fil-forma ta' rapport qasir bil-miktub u dikjarazzjoni għal diskussjoni fil-Kunsill Kompetittività; JAPPELLA wkoll biex l-oġettivi tal-politika industrijali tal-UE jiġu riflessi f'indikaturi sodi, b'mod partikolari rigward il-kompetittività industrijali, il-kontribut tal-industrija għat-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali u r-reżiljenza tal-Unjoni u l-awtonomija strateġika filwaqt li tiġi ppreservata ekonomija miftuħa; u
32. JAPPELLA lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jaħdmu mill-qrib flimkien u jieħdu azzjonijiet konkreti biex irawmu kooperazzjoni Ewropea akbar fl-ekosistemi industrijali bl-għan li tittejjeb il-konnessjoni bejn il-ktajjen tal-valur kif ukoll bl-għan li jinbnew sinerġiji mal-investimenti skont il-pjanijiet nazzjonali għall-irkupru u r-reżiljenza; JISSOTTOLINJA r-rwol strateġiku u orizzontali tal-Kunsill Kompetittività li jikkoordina, jissorvelja u jikkomunika din il-ħidma fuq bażi regolari kif ukoll li jiddiskuti l-progress lejn industrija aktar dinamika, reżiljenti u kompetittiva, inkluż bi tħejjija ta' diskussjonijiet futuri tal-Kunsill Ewropew.
-

¹⁴ 11244/18